



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.3.2013
COM(2013) 111 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar il-progress fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) 166/2006 dwar il-ħolqien ta'
Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (ir-PRTR Ewropew)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-progress fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) 166/2006 dwar il-ħolqien ta' Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (ir-PRTR Ewropew)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

WERREJ

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-progress fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) 166/2006 dwar il-ħolqien ta' Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (ir-PRTR Ewropew).....	
1.	Sfond u daħla 3
2.	Dwar din il-valutazzjoni..... 3
3.	L-istatus tal-implimentazzjoni tar-Regolament fil-livell tal-UE..... 4
3.1.	Il-websajt tar-PRTR Ewropew 4
3.2.	Il-fluss ta' dejta u l-iżgurar tal-kwalità fuq livell tal-UE 5
3.3.	Gwida tal-Kummissjoni 6
4.	L-Istatus ta' implimentazzjoni tar-PRTR Ewropew fil-livell ta' Stat Membru 6
4.1.	Aspetti ġenerali 6
4.2.	Rilaxxi fl-arja 7
4.3.	Rilaxxi u trasferimenti fl-ilma..... 7
4.4.	Rilaxxi fl-art..... 7
4.5.	Trasferiment tal-iskart..... 7
5.	Lok għal aktar titjib fl-implimentazzjoni tar-PRTR Ewropew 8
5.1.	It-titjib fil-kwalità tad-dejta u l-fiduċja tal-utent..... 8
5.2.	It-titjib fl-użu u fl-iskambju tad-dejta 9
5.3.	Eżami ulterjuri tal-bażi legali tar-PRTR Ewropew u rabtiet ma' leġiżlazzjoni oħra ... 9
6.	Konklużjoni..... 10

1. SFOND U DAĦLA

Ir-reġistri dwar ir-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti jipprovdu aċċess pubbliku għal dejta dwar l-emissjonijiet li jikkonċernaw ir-rilaxxi¹ u t-trasferimenti barra mis-sit² ta' inkwinanti u skart u t-tendenzi tagħhom għall-industriji li jniġġsu l-aktar. Permezz ta' dan, huma jistgħu jgħinu lil min jieħu d-deċiżjonijiet, kemm dawk pubbliċi kif ukoll dawk privati, biex jistabbilixxu l-prijoritajiet għal strateġiji kosteffikaċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet kif ukoll biex juru li sar progress fit-tnaqqis tat-tniġġiż. Reġistri bħal dawn jistgħu wkoll jgħinu fil-monitoraġġ tal-progress u l-konformità ma' ċerti obbligi jew ftehimiet nazzjonali, tal-Unjoni Ewropea jew internazzjonali .

Ir-Regolament (KE) 166/2006 stabbilixxa Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (ir-PRTR Ewropew) li jimplementa l-Protokoll tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) dwar ir-PRTR tal-Konvenzjoni ta' Aarhus³ fl-UE. Huwa jkompli jibni u jespandi fuq ir-Regjistru Ewropew dwar l-Emissjoni ta' Inkwinanti (EPER) li kien stabbilit preċedement fl-2000.

L-għan prinċipali tar-PRTR Ewropew huwa li jipprovdi aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent fuq l-akbar faċilitajiet industrijali. L-obbligi tar-rappurtar għall-emissjonijiet huma tipi speċifiċi ta' attività industrijali u limiti għall-inkwinanti relatati stipulati fir-Regolament bil-ħsieb li jindirizzaw is-sorsi ewlenin tat-tniġġiż industrijali, notevolment l-attivitajiet koperti mid-Direttiva 2008/1/KE dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġiż. Ir-rappurtar ikopri dejta dwar ir-rilaxxi fl-ambjent ta' kwalunkwe inkwinant elenkat, bħala riżultat ta' kwalunkwe attività tal-bniedem, kemm jekk ikunu saru b'mod deliberat kif ukoll jekk ikunu aċċidentali, kemm jekk tkun xi ħaġa ta' rutina kif ukoll jekk le, fuq is-sit tal-faċilità u jekk tali rilaxxi jkunu oġhla mil-limiti preskritti. Il-valuri rreġistrati għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli minn kejl, kalkoli jew stimi.

L-Artikolu 17 tar-Regolament dwar ir-PRTR Ewropew jitlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi r-rapporti ta' emissjoni tal-Istati Membri li ġew sottomessi permezz tar-PRTR Ewropew u, b'mod aktar ġenerali, biex tipprovdi valutazzjoni tal-esperjenza miksuba matul l-ewwel tliet snin tat-tħaddim tar-regjistru. Dan ir-Rapport ikopri l-ewwel tliet snin ta' implimentazzjoni tar-PRTR Ewropew.

2. DWAR DIN IL-VALUTAZZJONI

L-ewwel dejta dwar ir-PRTR Ewropew għall-2009 saret disponibbli f'Mejju 2011 fuq websajt apposta⁴, u f'dan l-istadju d-dejta li tkopri tliet snin kienet disponibbli u din il-valutazzjoni setgħet tinbeda. Il-ġabriet tad-dejta u l-għodod li jiżguraw il-kwalità tad-dejta ġew stabbiliti bl-għajnuna tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). L-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-PRTR Ewropew fuq livell nazzjonali u

¹ "Rilaxx" tfisser kull introduzzjoni ta' inkwinanti fl-ambjent bħala riżultat ta' kwalunkwe attività tal-bniedem, kemm jekk tkun saret b'mod deliberat kif ukoll jekk tkun aċċidentali, kemm jekk tkun xi ħaġa ta' rutina kif ukoll xi ħaġa li mhijiex ta' rutina, li tinkludi tixrid, tfigħ, rilaxx, injettar, rimi jew dumping, permezz ta' sistemi ta' drenaġġi mingħajr trattament finali tal-ilma mormi.

² "Trasferiment barra mis-sit" tfisser il-moviment lil hinn mill-konfini ta' faċilità ta' skart destinata għall-irkupru jew għar-rimi u tal-inkwinanti f' ilma mormi destinat għat-trattament tal-ilma mormi.

³ Il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f' Affarijiet li jirrigwardaw l-Ambjent.

⁴ <http://prtr.ec.europa.eu/>

dwar ir-rappurtar tad-dejta nġabret mill-Istati Membri bl-ghajjnuna ta' konsulent. Informazzjoni addizzjonali nġabret għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-websajt tar-PRTR Ewropew⁵. L-EEA kienet assoċjata ma' dan l-eżerċizzju u ġew ikkonsultati esperti mill-Istati Membri u partijiet interessati dwar ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-analiżi mwettqa. Barra minn hekk, sabiex jiġu vvalutati l-komplementarjetajiet u l-lakuni possibbli bejn ir-PRTR Ewropew u bażijiet ta' dejta oħrajn, il-Kummissjoni eżaminat ukoll il-leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti u l-inizjattivi rilevanti.

Ta' min wieħed josserva li l-esperjenza bir-rappurtar tad-dejta tal-2010 li tpoġġiet fuq is-sit web f'April 2012 tikkonferma l-valutazzjoni u l-konklużjonijiet ipprovduti f'dan ir-Rapport.

3. L-ISTATUS TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT FIL-LIVELL TAL-UE

3.1. Il-websajt tar-PRTR Ewropew

Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-reġistru aċċessibbli pubblikament permezz ta' tixrid bla ħlas fuq l-Internet. Il-websajt tar-PRTR Ewropew hija ospitata u miżmuma mill-EEA, li tippermetti wkoll l-integrazzjoni ulterjuri tad-dejta tar-PRTR Ewropew ma' settijiet oħra ta' dejta. Hija mfassla biex tiżgura li l-aċċess mill-pubbliku jkun l-eħfef possibbli u li l-informazzjoni tkun aċċessibbli kontinwament u faċilment.

Fil-preżent, il-websajt tar-PRTR Ewropew tipprovdi aċċess onlajn għal dejta rrapportata minn xi 29,000 faċilità industrijali kbar li jkopru 65 attività ekonomika mis-setturi industrijali ewlenin⁶ u tipprovdi informazzjoni dwar l-ammonti ta' rilaxxi ta' inkwinanti fl-arja, fl-ilma u fl-art, kif ukoll trasferimenti barra mis-sit ta' skart u ta' inkwinanti fl-ilma mormi għal 91 inkwinant ewlieni inklużi metalli tqal, pestiċidi, gassijiet tas-serra u diġossini. B'żieda ma' dawk is-settijiet ta' dejta prinċipali, li huma s-sorsi ewlenin tat-tniġġiż, ir-PRTR Ewropew jinkludi wkoll dejta spazjalment diżaggregata dwar rilaxxi minn sorsi diffużi fl-arja filwaqt li d-dejta dwar l-emissjonijiet diffużi fl-ilma se tiġi miżjuda dalwaqt.

L-analiżi tal-protokollu dwar l-utent tal-websajt tar-PRTR Ewropew u sħarriġ *ad hoc* dwar l-utent urew li hemm varjetà ta' utenti li jaċċessaw il-websajt tar-PRTR Ewropew, li jinkludu s-servizzi pubbliċi, l-intrapriżi privati u l-pubbliku ġenerali. B'mod ġenerali l-utenti jaħsbu li d-disinn tal-websajt huwa xieraq u konvenjenti. Huma jikkunsidraw li d-dejta, f'forma aggregata u diżaggregata, hija ppreżentata b'mod komprensiv u f'format li huwa faċli biex wieħed jaċċessah. Dawn is-sejbiet pożittivi ġew ripetuti minn utenti barra mill-UE u diversi pajjiżi li mhumiex fl-UE urew interess fl-użu tas-sistema Ewropea bħala l-bażi għall-iżvilupp tar-reġistri nazzjonali tagħhom. Diversi utenti, madankollu, issuġġerew li għad hemm lok għal aktar titjib fir-rigward tal-faċilità għall-użu mill-utenti tal-paġni web (eż. titjib fil-funzjonijiet ta' navigazzjoni u tiftix) u manutenzjoni aktar regolari (eż. biex jiġi tranġaw hyperlinks li ma jaħdmux). Oħrajn ipproponew li jkun hemm konformità

⁵ "Final report, Three years of implementation of the E-PRTR, Supporting study for the European Commission", Umweltbundesamt GmbH Austria, ikkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (DG ENV).

⁶ Id-disa' setturi ewlenin huma: l-enerġija; il-produzzjoni u l-ipproċessar tal-metalli; l-industrija minerali; l-industrija tal-kimika; l-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma mormi; produzzjoni u pproċessar tal-karti u tal-injam; produzzjoni intensiva tal-bhejjem u l-akwakultura; prodotti tal-annimali u dawk veġetali mis-settur tal-ikel u tax-xorb; oħrajn.

fit-terminoloġija użata. L-utenti u l-Istati Membri qablu li informazzjoni kuntestwali tista' tizzied utilment biex tikkjarifika d-dejta murija u l-komparabbiltà tagħha (eż. metodu ta' kejl).

Filwaqt li l-websajt tar-PRTR Ewropew ta' spiss tintuża bħala sors ta' awtorità tad-dejta dwar l-emissjonijiet li jagħmlu aċċess minnha diversi utenti, b'medja ta' 590 viżitatur kuljum, għad hemm potenzjal ċar biex jizzied l-għarfien dwar l-eżistenza tagħha u biex jizzied l-għadd ta' utenti.

3.2. Il-fluss ta' dejta u l-iżgurar tal-kwalità fuq livell tal-UE

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament, l-operaturi tal-faċilità li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament għandhom jirrapportaw kull sena dejta speċifika lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li fih huma bbażati. L-Istati Membri jridu jiġbru u jikkontrollaw il-kwalità tad-dejta rrapportata u jgħadduha lill-Kummissjoni u lill-EEA għat-tixrid permezz tal-websajt tar-PRTR Ewropew. Teżisti l-possibbiltà ta' sottomissjoni mill-ġdid tad-dejta.

Ġiet żviluppata għodda ta' validazzjoni awtomatizzata biex tgħin lill-Istati Membri jivvalidaw id-dejta dwar ir-PRTR Ewropew qabel ma jissottomettuha u biex jiżguraw li jkun hemm konformità mal-qbil dwar il-format għar-rappurtar. Il-validazzjoni tkopri informazzjoni bħalma huma t-tip ta' inkwinanti, il-kodiċijiet għal setturi industrijali, il-koordinati ġeografiki, il-verifiki obbligatorji għal formatting, il-verifiki kwantitattivi tal-valuri tar-rilaxx jew tal-iskart inklużi l-valuri erratiċi, il-verifiki għall-konformità mal-kunfidenzjalità.

Matul l-ewwel snin ta' implimentazzjoni tar-Regolament, il-kwalità tad-dejta inkluża fir-reġistru tar-PRTR Ewropew kienet iċċekkjata mill-EEA permezz ta' proċess ġeneralment imsejjaħ "reviżjoni informali":

- L-Istati Membri ġew ipprovdu b'rispons dettaljat dwar il-kwalità u l-kompletezza tad-dejta sottomessa. Il-verifiki tal-EEA koprew evalwazzjoni tal-għadd ta' rapporti dwar il-faċilitajiet u r-rilaxxi, l-ammonti ta' rilaxxi u trasferimenti rrapportati, it-talbiet għall-kunfidenzjalità, u r-rilaxxi aċċidentali;
- Id-dejta dwar ir-PRTR Ewropew ġiet sussegwentament imqabbla ma' dejta rrapportata skont obbligi ta' rappurtar differenti (eż. id-Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi tal-Emissjonijiet⁷, is-Sistema għall-Iskambju tal-Emissjonijiet⁸, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi⁹ u r-Regolament dwar l-Istatistika tal-Iskart¹⁰) biex jiġu identifikati u indirizzati differenzi u inkonsistenzi potenzjali.

L-għodda ta' validazzjoni awtomatizzata u l-possibbiltà li d-dejta tiġi sottomessa mill-ġdid kienu utli ħafna għall-Istati Membri. Ir-reviżjoni informali kienet meqjusa utli b'mod ugwali għall-promozzjoni ta' prassi tajba matul l-ewwel snin tar-PRTR Ewropew. Din kienet utli wkoll biex tidentifika l-inkonsistenzi u l-iżbalji possibbli fid-dejta rrapportata kif ukoll biex tistabilixxi prassi tajbin fl-iżgurar tal-kwalità mill-Istati Membri. Għadu jinħass b'mod ċar il-bżonn li l-Istati Membri jkomplu jtejbu l-upstream tal-iżgurar tal-kwalità tad-dejta rrapportata.

⁷ Id-Direttiva 2001/81/KE

⁸ Id-Direttiva 2003/87/KE

⁹ Id-Direttiva 91/271/KEE

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002

3.3. Gwida tal-Kummissjoni

Fl-2006 il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' gwida li jappoġġa l-implimentazzjoni tar-PRTR Ewropew¹¹ kif meħtieġ skont l-Artikolu 14 tar-Regolament li jkopri kwistjonijiet bħal min irid jirrapporta, xiex u kif, inkluża lista indikattiva ta' setturi u inkwinanti li għalihom ir-rappurtar ta' dejta huwa mistenni. Huwa jipprovdi wkoll informazzjoni ta' għajnuna għall-membri tal-pubbliku dwar ir-PRTR Ewropew innifsu. Il-partijiet interessati kkonsultati kollha kkunsidraw id-dokument ta' gwida bħala xi ħaġa li kienet estremament utli fil-proċess tar-rappurtar. Reviżjoni tal-gwida tista' tgħin fil-kjarifika ta' kwistjonijiet li għad m'hemm x qbil dwarhom bħal ma huma dawk li jikkonċernaw deskrizzjonijiet ta' attivitajiet filwaqt li tkompli ttejjeb l-implimentazzjoni tar-Regolament.

4. L-ISTATUS TA' IMPLIMENTAZZJONI TAR-PRTR EWROPEW FIL-LIVELL TA' STAT MEMBRU

4.1. Aspetti ġenerali

L-Istati Membri kollha tal-UE, in-Norveġja, l-Islanda, il-Liechtenstein, l-Isvizzera u s-Serbja implimentaw ir-Regolament dwar ir-PRTR Ewropew.

Matul il-perjodu 2007-2009 l-Istati Membri rrapportaw b'mod sodisfaċenti d-dejta mitluba. Dan hu rifless fl-informazzjoni ddettaljata disponibbli fir-reġistru. Dan ir-riżultat huwa wieħed ta' inkoraġġiment ukoll meta wieħed iqis li t-twaqqif ta' sistemi ġodda ta' rappurtar tipikament jeħtieġ ċertu proċess ta' taġħlim mill-partijiet involuti kollha. Donnu li l-problemi relatati ma' informazzjoni nieqsa kienu jirrelataw ma' kwistjonijiet speċifiċi ta' interpretazzjoni. Diffikultajiet bħal dawn kienu jirrelataw b'mod partikolari mar-rilaxxi fl-art inkluż ir-rappurtar ta' lissija minn miżbliet ta' skart. Xi diffikultajiet ta' implimentazzjoni li ġew irrapportati kienu attribwiti għal dak li jidher bħala nuqqas ta' riżorsi fil-livell tal-awtoritajiet kompetenti biex jivverifikaw b'mod adegwat il-kwalità tad-dejta qabel ma tiġi sottomessa lill-Kummissjoni. Finalment, għad fadal kwistjoni pendenti ma' Stat Membru wieħed rigward il-kunfidenzjalità ta' dejta skont ir-Regolament.

Skont l-Artikolu 5(4) l-operaturi soġġetti għar-Regolament dwar ir-PRTR Ewropew huma meħtieġa jiprovdu lill-awtoritajiet kompetenti l-aħjar dejta disponibbli dwar ir-rilaxxi u t-trasferimenti ta' inkwinanti tagħhom. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 9(2) tar-Regolament, il-valutazzjoni tal-kwalità tad-dejta u l-verifika dwar jekk l-informazzjoni pprovduta mill-faċilitajiet individwali hijiex sodisfaċenti fir-rigward tal-kompletezza, il-konsistenza u l-preċiżjoni tagħha, hija l-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-valutazzjoni li saret, tindika li d-dejta rrapportata dwar ir-PRTR Ewropew kellha grad ta' kompletezza li jvarja, minn konsistenza fir-rigward tar-rilaxxi ta' inkwinanti ewlenin fl-arja, għal rappurtar inqas komprensiv fir-rigward tar-rilaxxi fl-ilma u fit-trasferiment tal-iskart għal rappurtar pjuttost fqir fir-rigward tar-rilaxxi fl-art.

Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jfixxli l-użu potenzjali ta' dejta dwar ir-PRTR Ewropew kemm mill-pubbliku ġenerali kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali u dawk

¹¹ http://prtr.ec.europa.eu/docs/EN_E-PRTR_fin.pdf

tal-UE, inkluż il-possibbiltà li tali dejta tissodisfa obbligi oħrajn ta' rappurtar tal-UE jew dawk internazzjonali¹².

4.2. Rilaxxi fl-arja

Meta wieħed iqis il-ħtieġa li kulma jmur qed tiżdied għal ġestjoni aktar preċiża tal-kwalità tal-arja wkoll fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, il-gradazzjoni ta' dejta nazzjonali dwar l-emissjonijiet hija fost waħda mill-akbar valuri miżjuda tar-PRTR Ewropew. Ir-rappurtar tar-rilaxxi ta' ossidi tan-nitroġenu, id-diossidu tal-kubrit u d-diossidu tal-karbonju fil-livell nazzjonali huwa fil-parti l-kbira tiegħu komplet u nstab li hu konsistenti meta mqabbel ma' obbligi jew inventarji ta' rappurtar internazzjonali oħrajn.

Ir-rappurtar tal-inkwinanti oħrajn juri, sa ċertu punt, ċerta inkonsistenza ma' inventarji nazzjonali oħrajn. F'ċertu każijiet ir-rappurtar nazzjonali ma nkludix dejta li kienet mistennija skont il-listi indikattivi tas-setturi u l-inkwinanti mistennija inklużi fid-Dokument ta' Gwida. Dan jista' jirrifletti jew nuqqasijiet fir-rappurtar, ineżattezzi fid-Dokument ta' Gwida, jew speċifitàjiet ta' installazzjonijiet individwali.

4.3. Rilaxxi u trasferimenti fl-ilma

Ir-rappurtar tal-emissjonijiet fl-ilma huwa meqjus ta' kwalità aċċettabbli, minkejja li huwa inqas komplut mir-rappurtar tal-emissjonijiet fl-arja.

Il-kwistjonijiet rigward ir-rappurtar tal-emissjonijiet fl-ilma li ġew identifikati jirrelataw ma' diversi inkwinanti, b'mod partikolari ma' impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi, li juru, sa ċertu punt, id-diskrepanzi mar-rilaxxi li kienu mistennija skont il-listi indikattivi tas-setturi u l-inkwinanti mistennija inklużi fid-Dokument ta' Gwida. Ir-rapporti nieqsa dwar ir-rilaxx jistgħu jkunu minħabba n-nuqqas ta' fatturi adegwati ta' emissjoni jew metodi analitiċi għall-kejl ta' rutina ta' xi wħud mis-Sustanzi ta' Prijorità fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Ir-rappurtar ta' lissija mill-miżbliet għandu wkoll jiġi ċċarat. Fl-aħħar nett, ir-rappurtar limitat ta' klorpirifos, eżaklorobutaden, iżoproturon, ossidu tal-etilen, tetrakloroetilen, tetraklormetan, u trikloroetilen huwa ta' tħassib partikolari.

4.4. Rilaxxi fl-art

Meta mqabbla mal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma hemm biss għadd limitat ta' rapporti ta' rilaxxi fl-art imressqa minn għadd zġhir ta' Stati Membri. Minħabba l-fatt li sorsi oħrajn ta' dejta li jistgħu jintużaw għal verifika mhumiex disponibbli b'mod pubbliku, s'issa għad m'hemm l-ebda konklużjonijiet ċari dwar ir-rilaxxi fl-art. Kif diġà osservat fil-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Hamrija¹³ r-PRTR Ewropew huwa għodda potenzjalment importanti għat-traċċar tal-inkwinanti industrijali u t-titjib fl-implimentazzjonijiet tiegħu hija mħeġġa. Jidher li jeżistu differenzi fl-interpretazzjoni tar-rilaxxi fl-art mill-Istati Membri, u dawn iridu jiġu riżolti.

4.5. Trasferiment tal-iskart

Ir-rappurtar tat-trasferiment ta' skart perikoluż u ta' skart mhux perikoluż minn faċilitajiet skont ir-PRTR Ewropew ġie mqabbel ma' dejta rrappurtata mill-Istati

¹² Pereżempju d-dejta dwar l-inventarju tal-emissjonijiet skont id-Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi tal-Emissjonijiet, il-Konvenzjoni dwar it-trasport transkonfinali fuq medda twila tat-tniġġis atmosferiku u l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' kwoti ta' Emissjonijiet.

¹³ COM (2012) 46.

Membri għall-2008 skont ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart. Ir-rappurtar tar-PRTR Ewropew ikopri biss it-rasferimenti ta' skart perikoluż u ta' skart mhux perikoluż minn faċilitajiet individwali ewlenin, filwaqt li r-Regolament dwar l-Istatistika tal-Iskart ikopri setturi sħaħ u jikkonċerna l-ġenerazzjoni ta' kategoriji magħżula ta' skart fejn id-dejta tinġabar permezz ta' sorsi amministrattivi, proċeduri tal-istima tal-istatistika jew taħlita ta' dawn il-mezzi. Konsegwentement, il-metodoloġiji għar-rappurtar skont iż-żewġ strumenti huma differenti. Madankollu, din l-analiżi għamlitha ċara li l-limiti stipulati mir-Regolament dwar ir-PRTR Ewropew jippermettu biss ir-rappurtar ta' madwar 39 % tal-iskart perikoluż u 17 % tal-iskart mhux perikoluż, b'differenzi kbar bejn is-setturi ekonomiċi differenti.

Filwaqt li huwa ċar li jekk jitbaxxew il-limiti minimi għar-rappurtar fir-PRTR Ewropew jista' jkun hemm żieda fil-grad ta' kopertura tat-trasferimenti tal-iskart, iż-żewġ strumenti huma komplimentari u, meta meqjusa flimkien, bħalissa jipprovdu bażi ta' għarfien utli biżżejjed.

5. LOK GĦAL AKTAR TITJIB FL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-PRTR EWROPEW

Il-ħolqien ta' PRTR Ewropew operattiv huwa sfida li jinvolvi għadd kbir ta' partijiet interessati pubbliċi kif ukoll privati. Abbażi tal-valutazzjoni preżenti tal-ewwel perjodu ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-Regolament ġie implimentat relattivament tajjeb. Titjib sussegwenti seta' jiġi osservat minn sena għall-oħra hekk kif l-Istati Membri u l-partijiet interessati l-oħrajn kisbu esperjenza bit-tħaddim tiegħu. Bi tqabbil mas-sitwazzjoni ta' qabel ma ġie adottat ir-Regolament dwar ir-PRTR Ewropew, iċ-ċittadini tal-UE, l-analisti, dawk li jiżviluppaw il-politika u min jieħu d-deċiżjonijiet issa għandhom aktar aċċess faċli għal informazzjoni komprensiva dwar it-tipi u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet minn l-akbar attivitajiet industrijali kif ukoll minn sorsi diffużi tal-emissjonijiet fl-arja.

Filwaqt li r-riżultati tal-valutazzjoni jindikaw li reviżjoni tar-Regolament innifsu tkun prematura, għadd ta' titjib jibqa' possibbli, *inter alia*, permezz ta' dokumenti ta' gwida tal-Kummissjoni mtejba.

Attenzjoni speċjali se tingħata wkoll għat-titjib tal-kwalità u l-kompletezza tad-dejta rrapportata kif ukoll għat-titjib tal-użu tad-dejta. Fejn meħtieġ, se jittiegħdu azzjonijiet ta' infurzar.

5.1. It-titjib fil-kwalità tad-dejta u l-fiduċja tal-utent

Żieda akbar fl-affidabbiltà u l-kwalità tar-Reġistru se tippermetti li l-utenti jkollhom aktar fiduċja u għaldaqstant isir aktar użu.

Il-Kummissjoni se tirrevedi d-Dokument ta' Gwida, b'mod partikolari fir-rigward tal-ambitu tar-Regolament u l-interpretazzjoni tiegħu. Se jingħataw aktar definizzjonijiet dettaljati (eż. rigward ir-rilaxxi fl-art u l-lissija) u se tiġi inkluża kjarifika dwar liema elementi tar-rappurtar jistgħu jinżammu kunfidenzjali. Se jiġu indirizzati għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi oħrajn eż. dwar is-subattivitajiet li jeħtieġu r-rappurtar filwaqt li l-lista ta' inkwinanti mistennija mid-diversi attivitajiet se tiġi riveduta.

L-Istati Membri huma mistennija li jżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw il-kwalità tad-dejta pprovduta. Ir-Regolament dwar ir-PRTR Ewropew ipogħi obbligu fuq l-operaturi biex jiżguraw il-kwalità tad-dejta u fuq l-awtorità kompetenti biex tivvalutaha. Verifiki dwar il-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibbiltà tad-dejta sottomessa għandhom jitwettqu b'mod aktar komprensiv qabel ma d-dejta tasal

għand il-Kummissjoni. L-Istati Membri ma għandhomx joqogħdu fuq ir-reviżjoni informali mwettqa mill-EEA bħala sostituzzjoni tal-verifiki tal-kwalità tagħhom biex aktar tard jikkoreġu d-dejta rrapportata. Fit-tieni fażi tal-implimentazzjoni tar-Regolament, li għadha għaddejja, il-Kummissjoni se tippromwovi s-sjieda tal-kwalità tad-dejta mill-operaturi u l-Istati Membri. Jekk ikun xieraq dan se jkun infurzat permezz tal-użu ta' proċeduri ta' ksur.

Hekk kif jipproċedi t-trasferiment tas-sjieda tal-iżgurar tad-dejta lill-Istati Membri, ir-reviżjoni sistematika fil-livell tal-UE tad-dejta nazzjonali se tonqos. L-Istati Membri huma mħeġġa jibnu fuq il-prassi nazzjonali tajba li rriżultaw mir-reviżjoni informali li saret mill-EEA matul l-ewwel snin tal-implimentazzjoni tar-Regolament. Sabiex tgħin tiżgura kwalità għolja tad-dejta nazzjonali, se tinżamm il-possibbiltà ta' sottomissjoni mill-ġdid tad-dejta.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-involviment ta' gruppi ta' esperti rilevanti. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Aspetti Kimiċi, stabbilit mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma se jiġi inkoraġġut jaqsam l-esperjenzi tiegħu mal-grupp espert tar-PRTR Ewropew fir-rigward tal-iżvilupp tal-fatturi ta' emissjoni għall-komposti rilaxxati fl-ilma. Kooperazzjoni bejn il-grupp espert tar-PRTR Ewropew u gruppi esperti oħrajn, bħal dawk dwar l-implimentazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali u d-Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi tal-Emissjonijiet, se tkun imħeġġa wkoll.

5.2. It-titjib fl-użu u fl-iskambju tad-dejta

Il-websajt tar-PRTR Ewropew se titjeb biex issir aktar faċli għall-użu mill-utent b'konformità mal-prijoritajiet identifikati: funzjonalità mtejba, funzjonijiet ta' navigazzjoni u ta' tiftix, żieda ta' informazzjoni teknika mad-dejta ppreżentata, standardizzazzjoni tat-terminoloġija u links għal settijiet ta' dejta li jirriżultaw minn obbligi ta' rappurtar oħrajn.

Il-Kummissjoni se tisfrutta l-opportunitajiet disponibbli kollha għall-promozzjoni tal-użu tar-PRTR Ewropew għal analiżi xjentifika, teknika u politika kif ukoll biex iżżid l-għarfien fost il-pubbliku ġenerali. Minħabba l-proposti preżenti jew ir-reviżjoni ta' xi sistemi ta' rappurtar għal monitoraġġ ambjentali, l-użu u l-impatt tar-PRTR Ewropew aktarx li jkompli jiżdied. F'dan il-kuntest, it-tkomplija tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-Emissjonijiet Industrijali, id-Direttiva 2004/101/KE (ETS) u r-reviżjoni li għadha għaddejja tal-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġiż fl-Arja se joffru opportunitajiet biex ikomplu jiġu żviluppati sinerġiji qalb il-flussi ta' dejta. B'mod partikolari, is-sinerġiji huma meħtieġa sabiex jiffaċilitaw it-tfassil u r-reviżjoni ta' dokumenti ta' referenza dwar l-Aħjar Teknika Disponibbli skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/119/UE.

5.3. Eżami ulterjuri tal-bażi legali tar-PRTR Ewropew u rabtiet ma' leġiżlazzjoni oħra

Il-Kummissjoni se teżamina mill-ġdid il-bżonn li tirrevedi r-Regolament sabiex iservi aħjar l-għanijiet tiegħu u l-interessi tal-partijiet interessati tal-UE u se titkellem dwar is-sejbiet tagħha fit-tieni rapport ta' kull tliet snin dwar l-implimentazzjoni tar-PRTR Ewropew li se jkopri l-perjodu (2013-2015). Dan se jinkludi wkoll evalwazzjoni tad-differenzi fl-ambiti bejn ir-PRTR Ewropew, l-apparat esplożiv improvviżat (IED) u liġijiet oħra tal-UE.

6. KONKLUŻJONI

PRTR Ewropew integrat u koerenti huwa għodda importanti biex iżid il-bażi tal-għarfien għal ġestjoni kosteffikaċi u trasparenti tar-riżorsi tal-arja, tal-ilma u tal-art.

It-twaqqif ta' PRTR Ewropew kien pass importanti lejn l-iżgurar ta' aktar trasparenza fir-rigward tat-tipi u l-kwantitajiet tal-emissjonijiet industrijali u l-monitoraġġ ambjentali. Ir-PRTR Ewropew jinkludi sett ta' dejta unika li jkopri varjetà wiesgħa ta' inkwinanti, biex b'hekk jindirizza r-rilaxxi u t-trasferimenti għall-midja kollha u huwa bbażat fuq approċċ minn isfel għal fuq.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tar-Regolament turi storja b'suċċess raġonevoli. L-Istati Membri aċċettaw l-obbligi l-ġodda minnufih, tant hu hekk li l-ġbir tad-dejta, il-valutazzjoni u s-sottomissjoni lill-Kummissjoni issa tlestew għall-biċċa l-kbira tar-rilaxxi b'mod affidabbli.

Madankollu, jibqa' l-bżonn għal aktar titjib u hemm il-potenzjal għal dan. L-azzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Rapport se jgħinu jindirizzaw xi wħud mill-aktar kwistjonijiet importanti identifikati matul ir-reviżjoni u se jmexxu lir-PRTR Ewropew 'il quddiem b'mod li se jkomplu jtejbu l-użabilità tiegħu u jinkoraġġixxu użu usa' tal-informazzjoni ambjentali importanti li tinsab fih. Dawk l-azzjonijiet se jkunu segwiti wara li jkun hemm gradazzjoni xierqa ta' prijoritizzazzjoni sabiex b'mod effettiv ikunu fil-mira dawk l-azzjonijiet li għandhom l-akbar potenzjal ta' benefiċċju.